MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 2533/2002

**Vincent Catania**

**vs**

**Terrence E.. Cossey**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin lira Maltin u centezmu (Lm588.01) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-14 ta' Novembru 2001, fi Triq il-Mosta Attard, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZIP 001 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 441 misjuqa minn Oswald Farrugia u propjeta' tal-attur ghall-liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba

mperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-24 ta’ Jannar 2002 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi l-incident de quo sehh unikament b’negligenza, trraskuragni, imperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Oswald Farrugia li kien qed isuq il-vettura tal-attur fil-hin tal-incident, kif jista’ jigi pruvat waqt it-ttrattazzjoni tal-kawza.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Oswald Farugia, ta’ Alfred Farrugia, tal-konvenut, ta’ PS1131 Justin Camilleri u ta’ George Zammit. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fl-14 ta’ Novembru 2001, fi Triq il-Mosta, Attard bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 441 misjuqa minn Oswald Farriugia u propjeta’ tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZIP 001 misjuqa mill-konvenut.

Oswald Farrugia xehed li huwa kien qed isuq f’Mosta Road sejjer lejn Ta’ Qali meta hargitlu l-vettura misjuqa mill-konvenut minn Triq Durer u sehhet il-habta. Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li huwa hareg minn Triq Durer biex imur lejn ic-centru ta’ H’Attard, hares fiz-zewg direzzjonijiet ta’ Mosta Road biex jara humiex qed jipprocedu vetturi minn Mosta Road u meta ra li ma kien gej xejn huwa hareg ghal fuq Mosta Road. Malli hareg il-konvenut jghid li ra l-vettura misjuqa minn Farrugia gejja min-naha tal-lemin tieghu, din segwitu waqt li kien qed jaqsam u kien biss f-ahhar sekondi li s-sewwieq taghha

kiser lejn ix-xelug biex jevita il-habta izda inutilment ghaliex sehh l-impatt.

It-Tribunal jghid lminghajr ezitazzjoni li l-verzjoni moghtija mill-konvenut difficilment tista’ titwemmen. It-Triunal jidhirlu li dan tal-ahhar qed jipprova jiggustifika l-fatt li huwa hareg minn fuq Stop Sign ghal fuq triq principali minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ billi jghid li Farrugia segwa t-tragitt tieghu waqt li kien qed jaqsam Mosta Road. Il-konvenut donnu qed jimplika li Farrugia ried bilfors jahbat mieghu.  Minn ezami tal-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-brejk marks tal-vettura misjuqa minn Farrugia jibdew mill-karreggjata ta’ barra biswit il-linja medjana tat-triq u huma angolati lejn ix-xelllug. Id-‘debris’ huwa fuq il-karreggjata ta’ barra. L-iskizz jikkorobora l-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija minn Farrugia fis-sens li jidher li Farrigia kien qed isuq fuq l-‘outer lane’ biswit il-linja medjana tat-triq meta ra l-vettura misjuqa mill-konvenut hierga mit-triq laterali u qed tinvadielu l-karreggjata u huwa ghalhekk ghafas il-brejk u gibed lejn ix-xellug biex jevita l-habta.

Il-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident de quo peress lli huwa hareg minn fuq Stop Sign ghal fuq triq principali minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ ghat-traffiku li kien qed jipprocedi f’din it-triq u b’hekk huwa nvada l-karreggjata ta’ Oswald Farrugia li kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu f’Mosta Road, u cioe’ fit-triq principali.

Il-quatnum tad-danni reklamati mill-attur wkoll gew kontestati mill-konvenut u t-Tribunal jidhirlu li din il-kontetazzjoni hija gustifikata u dan ghas-egwenti ragunijiet:-

1. Il-Lm100.00 li qed jintalab mill-attur bhala ‘Excess’ m’huwiex dovut ghaliex dan l-‘Excess’ li huwa hallas lill-assikurazzjoni tieghu meta ghamel il-‘cliam’ jinghata lura lilu mill-istess assikurazzjoni una volta li hija ma thallas xejn lill-terzi in kwantu jirrigwarda l-‘claim’ minnu maghmula. F’din il-kawza gie deciz li r-responsabilita’ ghall-incident ‘de quo’ hija unikament tal-

konvenut u ghalhekk dan tal-ahhar ma jistghax jitlob li jithallas ghad-danni minnu sofferti minghand l-assikurazzjoni tal-attur u dan ifisser li dan tal-ahhar ser jinghata lura il-Lm100.00 li huwa hallas bhala ‘Excess’. Kieku dan it-Tribunal kellu jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawn il-Lm100.00 ikun hemm arrikkiment ingust ghaliex l-attur ikun qed jirkupra ammont li huwa ser jinghata r-rifuzjoni tieghu minghand l-assikurazzjoni.

2. Il-‘grille’ u n-‘number plate’ li huma indikati fl-istima esebita mill-attur a fol. 29 m’humiex inkluzi fis-‘survey report’ li jinsab esebit a fol. 33 u ghalhekk l-ammont ndikat bhala prezz ta’ dawn il-parts (Lm41.48) wkoll ser jigi mnaqqas mis-somma mitluba mill-attur bhala danni.

3. Il-prezz tal-labour u spray gie ndikat fis-survey report bhala Lm120.00 filwaqt li fl-istima esebita mill-attur dan gie indikat bhala Lm180.00. It-Tribunal jidhirlu li l-ammont li ghandu jithallas huwa dak indikat fis-survey report izda ma dan l-ammont ser tizdied 18% VAT ((LM21.60) u dan peress li mix-xhieda tas-surveyor irrizulta li fl-ammont indikar fis-survey m’hemmx inkluz il-VAT.

4. It-Tribunal jidhirlu li l-prezz tal-parts l-ohra ghandu jkun dak indikat fl-istima a fol. 29 peress li l-ammont imsemmi fis-survey report huwa biss approssimattiv. Il-prezz tal-parts li l-attur huwa ntitolat jithallas ghalihom skond is-survey jammonta ghall-Lm183.99. Inoltre ma dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta’ Lm31.53 li l-attur hallas ghalll-unici parts li huwa xtara sallum (ara ricevuti relattivi a fol. 32).

Id-danni li l-konvenut huwa ghalhekk intitolat jithallas taghhom minghand il-konvenut huma is-segwenti:-
Lm3.00 RAR.
Lm141.60 – Labour u spray.
Lm215.52 – Parts.
**Total Lm360.12.**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mija u sittin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm360.12) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta’

ta' tlett mija u sittin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm360.12), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mll-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------